MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 15/2002/1

Anthony Bugeja ,

vs

Frances Bugeja .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta :

Illi l-kontendenti żżewġu f’Għajnsielem, Għawdex, fid-dsatax (19) ta’ Mejju elf disa’ mija u disgħin (1990), u miż-żwieġ tagħhom ma kienx hemm ulied ;

Illi l-ħajja matrimonjali ta’ bejn il-partijiet m’għadhiex iktar possibbli u ż-żwieġ tagħhom tkisser irrimedjabilment u dan minħabba inkompatibilita’ ta’ karattru, adulterju, abbandun, u inħurji gravi pperpetrati mill-konvenuta fil-konfront tal-attur, u għal raġunijiet oħra kkontemplati fil-liġi

li jirriżulta fil-kors tal-kawża u li għalihom taħti l-konvenuta ;

Illi l-attur għandu reġistrati f'ismu żewġ vetturi waħda tal-għamla Ford Escort bin-numru ta' reġistrazzjoni JAV-178, liema vettura kienet ħabtet biha l-konvenuta f'inċident tat-traffiku fi Triq l-Imġarr Għajnsielem, fl-4 ta' Awissu 1998, u kkaġunatilha ħsara kbar u minflok ma sewwietha hija abbandunat l-istess vettura fit-triq fejn għadha hekk mitluqa sal-lum, u vettura oħra tal-għamla Kia Mentor bin-numru ta' reġistrazzjoni JAD – 918, li kienet inxtrat mill-attur u ħadithielu l-attriċi u baqgħet tirrifjuta li tirritornahielu ;

Illi l-attur irid li tiġi ppronunzjata s-separazzjoni ta' bejniethom u tiġi xjolta, likwidata, u diviża l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti ta' bejniethom, filwaqt li jiġu applikati fir-rigward tal-konvenuta l-kominazzjonijiet stabbiliti fl-artikoli 48 u 51 tal-Kodiċi Civili Kap. 16 ;

Illi b'degriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja tat-22 ta' Frar 2002 (Degriet 22/02), l-attur ġie awtorizzat jipproċedi bil-kawża ta' separazzjoni personali kontra l-konvenuta .

Talab lill-konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan għar-raġunijiet fuq imsemmija u għar-raġunijiet oħra li jirriżultaw fil-kors tal-kawża ;

2. Konsegwentement tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet mid-drittijiet kif kontemplati fl-artikoli tmienja u erbgħin (48) sa wieħed u ħamsin (51) tal-Kodiċi Civili Kap. 16 ;

3. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti ;

4. Tillikwida l-istess komunjoni u tiddividi skond il-liġi, dejjem salv dak li ntalab bil-komunizzjonijiet applikabbli fil-konfront tal-konvenuta skond il-liġi ;

5. Tiddikjara lill-konvenuta responsabbli tad-danni kollha li ġew kkaġunati minnha fuq il-vettura Ford Escort bin-numru JAV –178, liema danni għandhom jiġu mnaqqsa mis-sehem tagħha tal-komunjoni tal-akkwisti ;

6. Tordna r-reġġistrazzjoni tas-sentenza tas-separazzjoni fir-Reġistru Pubbliku ai termini tal-artikolu 62A tal-Kap. 16.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-proċeduri quddiem il-Qorti fil-kompetenza tagħha bħala Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja .

Il-konvenuta hija mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa tinsab inġunta .
Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur minnu kkonfermata bil-ġurament .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li eċċepiet illi :

1. Illi hija topponi bil-qawwa kollha l-allegazzjoni li huwa bi kwalunkwe mod responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti . Dan għaliex żżwieġ tkisser minhabba l-abbużi serji u gravi ta' l-attur fil-konfront tagħha, kif sejjer jiġi pruvat dettaljatament waqt is-smiegħ ta' dina l-kawża ;

2. Illi dwar il-ħabta tal-vettura JAV –178 dina hija mertu ta' kawża ta' kollizjoni pendenti quddiem il-qorti u wieħed ma jistax jifhem kif l-konvenuta hija responsabbli għad-danni f'dan ir-rigward ;

3. Illi għalhekk m'hemmx lok għas-separazzjoni personali "a mensa et thoro", kif mitluba mill-attur u għaldaqstant it-talbiet tagħha għandhom jiġu riġettati ;

4. Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt .

Rat il-kontro-ċitazzjoni tal-konvenuta fejn, wara li ppremettiet illi :

Illi l-konvenuta trid tinqeda b'din iċ-ċitazzjoni sabiex tqanqal l-kontro-ċitazzjoni tagħha relattiva għall-istess separazzjoni mertu ta' dina l-kawża ;

Illi, kif spjegat fiċ-ċitazzjoni, il-kontendenti żżewġu f'Għajnsielem, Għawdex fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1990 u miż-żwieġ bejniethom ma kienx hemm ulied ;

Illi l-ħajja matrimonjali ta' bejniethom ma għadhiex iktar possibbli u dana minħabba sevizzi, moħqrija u ġlied ipperpetrati mill-attur fil-konfront tal-konvenuta u dana għad-dannu tal-istess konvenuta, kif ukoll għar-raġunijiet oħra gravi li wkoll jagħtu lok għas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ;

Illi l-konvenuta trid li tiġi applikata fir-rigward tal-attur il-komminazzjonijiet stabbiliti fl-artikoli 48 sa 51 tal-Kodiċi Civili .
Talbet lill-attur jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan għar-raġunijiet fuq imsemmija u għar-raġunijiet l-oħra li jirriżultaw fil-kors tal-kawża ;

2. Konsegwentement tiddikjara illi l-attur iddekada mid-drittijiet tiegħu kif kontemplati fl-artikoli tmienja u erbgħin (48) sa wieħed u ħamsin (51) tal-Kodiċi Civili, Kap sittax (16) tal-Liġijiet ta' Malta ;

3. Tiddikjara xjolta l-kommunjoni tal-akkwisti ġia' eżistenti bejn il-kontendenti ;

4. Tillikwida l-istess kommunjoni u tiddividiha skond il-liġi, dejjem salv dak li ntalab fuq bil-komminazzjonijiet applikabbli fil-konfront tal-attriċi skond il-liġi .

Bl-ispejjeż inklużi dawk quddiem il-Qorti fil-kompetenza tagħha bħala Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja u bl-

inġunzjoni tal-istess attur għas-subizzjoni li għaliha minn issa hija mħarrka.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuta debitament ġuramentata .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-attur g]al din il-kontro-ċitazzjoni li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. Illi l-kontro-talba tal-konvenuta ma kienx hemm lokha u saret biss biex iżżid l-ispejjeż għaż-żewġ partijiet, u għaldaqstant l-ispejjeż tal-kontro-talba għandhom jiġu akkollati kollha lill-konvenuta ;

*2.* Illi kien kollu tort tal-konvenuta li ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet tkisser minħabba adulterju, ġlied, tberbiq bla rażan u bla kontroll tal-flus, u abbuż oħra serji u gravi tal-konvenuta fil-konfront tal-eċċipjenti, kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża ;

*3.* Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess attur annessa ma' din in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu u minnu debitament maħlufa .

Rat id-digriet ta' din il-Qorti fil-kompetenza Volontarja tagħha tat-22 ta' Frar 2001, fejn awtorizzat lill-attur sabiex jipproċedi b'din il-kawza[1] .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawża għas-separazzjoni bejn il-kontendenti . Il-partijiet iżżewġu Għawdex fid-19 ta' Mejju 1990 u ma kellhomx ulied . Kien hemm diskrepanza kbira ta' wieħed u għoxrin sena fl-etajiet tagħhom, u dan x'aktarx

[1] Ara digriet relattiv a fol. 7 tal-process .

ikkontribwixxa sew biex iż-żwieġ beda jitkisser ftit aktar minn sena wara li kienu żżewġu . Fil-fatt il-partijiet għamlu inqas minn sentejn joqgħodu flimkien[2] . Inġiebet il-prova ta' l-adulterju da parti tal-konvenuta,[3] imma dan jirriżulta li ġara ferm wara li kienu ġja tkissru irrimedjabilment ir-relazzjonijiet bejn il-kontendenti. Kif ġie stabilit mill-ġurisprudenza f'dan ir-rigward : "*jekk l-adulterju jseħħ wara li ż-żwieġ ikun ġja tkisser, ma jsegwix li min ikun ħati ta' adulterju jkollu jbati l-konsegwenzi kollha ta' l-aġir tiegħu* .[4] Infatti jintqal ukoll illi : "*By the year 1969, it was recognised that adultery is often a symptom of the breakdown of marriage rather than the cause of it, and that, to quote the favorite dictum of Vassey J, in ward of Court cases, 'it takes three to commit adultery*.' " [5]

Ma nġiebu ebda provi sodisfaċenti għaliex dan Iż-żwieġ tkisser, u għalhekk in vista wkoll ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Qorti lanqas tista' titfa' l-ħtija fuq il-konvenuta . Għaldaqstant tasal biex tikkonkludi illi jaħtu ż-żewġ partijiet indaqs għal dan it-tkissir taż=żwieg .

Fil-każ in eżami jidher illi l-kontendenti ma rnexxielhomx jaslu għal separazzjoni bonarja, sempliċement għax ma jistgħux jiftehmu dwar kif ser jillikwidaw il-komunjoni ta' l-akkwisti tagħhom, konsistenti unikament f'ż-żewġ karozzi, waħda minnhom f'kundizzjoni ħażina ħafna, in segwitu għal kollizzjoni li fiha kienet involuta l-konvenuta[6] . Din il-karozza tat-tip Ford Escort baqgħet ma ssewwietx in sewgitu għal din il- ħabta, u għalhekk illum, kunsidrat ukoll il-mudell qadim tal-karozza, x'aktax ma fadlilha ebda valur ekonomiku . Kien hemm ukoll *van* qadima li kien jagħmel użu minnha l-attur . Din pero' jgħid illi kienet ġiet skrappjata . Għalhekk l-unika ħaġa ta' ċertu valur li għadha tappartjeni l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, hija l-vettura tat-tip Kia Mentor mixtrija fl-elf disa' mija sitta u disgħin (1996) . Kienet inxtart għal-prezz

---

[2] ara affidavit ta' l-attur a fol.. 76 - 77 .
[3] ara xhieda ta' Twanny Buttigieg a fol. 82 – 83 .
[4] Appell : Xuereb vs Xuereb : 29.4.1991 ; u Prim'Awla:Sammut vs Sammut : 28.11994 .
[5] Bernard Passingham : Law and Practice in Matrimonial Cases .
[6] ara okkorrenza relattiva esebita bħala Dok. D a fol. 176 - 179 tal-process .

ta' Lm6800[7] . Parti sostanzjali minn dan il-prezz, ħamest'elef u erbgħin lira maltija (Lm5040) kien ġie finanzjat permezz ta' self mill-Mid-Med Bank u tħallas kollu sad-29 ta' April 2002[8] . Il-konvenuta tgħid illi hija kienet tagħmel il-pagamenti ratejali kull xahar sabiex jitħallas lura dan is-self, imma l-attur jgħid li l-ħlas akkont, li allura jġib is-somma ta' elf seba' mija u sittin lira maltija (Lm1760) kien sar permezz ta' *part exchange* ta' karozza oħra li kellu u somma *cash* li kellu f'idejh . Din il-karozza ġiet stmata fl-2002 permezz ta' *surveyor* tal-valur ta' bejn it-tlett elef tlett mija u ħamsin lira maltija (Lm3350) u tlett elf u ħames mitt lira maltija (Lm3500)[9]. Minn dakinhar laħqu għaddew tliet snin oħra, il-karozza baqgħet f'idejn u tintuża mill-konvenuta u l-valur ta' din il-karozza llum neċessarjament huwa inqas minn hekk .

Billi l-ispejjeż li saru biex inxtrat din il-karozza intefqu waqt li kien għadu jeżisti r-reġim tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet, huwa għal kollox inutili illi dawn jippretendu li jiġu kkumpensati għal dak li setgħet nefqet xi naħa jew oħra . L-istess jgħodd għall-pretensjoni ta' l-attur dwar il-ħsara magħmula mill-konvenuta fil-karozza l-oħra tat-tip Escort . Sakemm għadha ma ġietx xolta din il-komunjoni, u ħadd mill-partijiet ma' ġab xi ħjiel ta' prova li nefaq xi ħaġa mill-assi parafernali tiegħu, sew l-attiv kif ukoll il-passiv jappartjeni ugwalment lill-kontendenti . Billi il-karozza tat-tip Kia baqgħet dejjem f'idejn il-konvenuta, hija l-fehma ta' din il-Qorti illi din għandha tibqa' fil-pussess tagħha, bil-kundizzjoni pero' illi tgħaddi s-somma ta' elf u ħames mitt lira malija (Lm1500) lill-attur sabiex tagħmel tajjeb għal sehmu mill-istess karozza . L-attur għandu mbagħad jagħti l-kunsens tiegħu sabiex isir it-*transfer* ta' l-istess karozza għal fuq isem il-konvenuta .

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża :

A. Rigward lċ-ċitazzjoni billi :

---

[7] Dok. RC 1 a fol 145 .
[8] Dok. FB 2 a fol. 45 .
[9] Dok. FB 1 a fol. 41 .

(i) Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti Anthony u Frances konjuġi Bugeja ;

(ii) Peress illi rriżulta illi ż-żewġ partijiet jaħtu għal din il-firda, tiċħad it-tieni talba ;

(iii) tilqa' t-tielet talba ;

(iv) tilqa' r-raba talba u tiddikjara illi l-komunjoni ta' l-akkwisti ġja eżistenti bejniethom tikkonsisti unikament fil-karozza tat-tip Kia Mentor bin-numru tar-reġistrazzjoni JAD-918 ; tassenja din il-karozza lill-konvenuta, b'dana illi din għandha tgħaddi s-somma ta' elf u ħames mitt lira maltija (Lm1500) lill-attur, fi żmien xahrejn mill-lum, u dan minn naħa tiegħu għandu jagħti l-kunsens tiegħu fuq kwalunkwe dokumentazzjoni meħtieġa biex isir it-*transfer* ta' din il-karozza għal fuq il-konvenuta ;

(v) tiċħad l-ħames talba għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija;

(vi) tilqa’ s-sitt talba u tordna r-reġistrazzjoni ta' din is-sentenza fir-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex u dana a tenur ta' l-artikolu 62A tal-Kap. 16 .

Billi ġie deċiz illi l-kontendenti jaħtu ndaqs għal din il-firda, l-ispejjeż għandhom jiġu ssoportati ugwalment bejniethom .

B. Rigward il-kontro-ċitazzjoni tal-konvenut billi :

(i) dwar l-ewwel talba, tiddikjara illi ż-żwieġ tkisser minħabba ħtija taż-żewġ partijiet ;

(ii) tiċħad it-tieni talba ;

(iii) tilqa' t-tielet talba ;

(iv) tilqa' r-raba talba u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti kif ġia mfisser hawn fuq .

Billi taqbel ma dak li sostna l-attur fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu għal din il-kontro-talba, illi ma kien hemm l-ebda ħtieġa għaliha, l-ispejjeż ta' l-istess kontro-talba għandhom ikunu a karigu ta l-istess konvenuta biss .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------